II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2262

**tat-13 ta' Diċembru 2021**

**li jirreġistra indikazzjoni ġeografika ta' xarba spirituża skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill "Bayerischer Blutwurz"**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Ġermanja tas-7 ta' Ġunju 2019 għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Bayerischer Bärwurz".

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/787 li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 110/2008 daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2019. F'konformità mal-Artikolu 49(1) tar-Regolament imsemmi, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi tħassar b'effett mit-8 ta' Ġunju 2019.

(3) Wara li ddeterminat li t-talba hija konformi mar-Regolament (KE) Nru 110/2008, il-Kummissjoni ppubblikat l-ispeċifikazzjonijiet ewlenin tal-iskeda informattiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), f'konformità mal-Artikolu 17(6) ta' dan ir-Regolament, u f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 50(4), tar-Regolament (UE) 2019/787.

(4) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2019/787.

(5) Għalhekk, huwa xieraq li l-indikazzjoni "Bayerischer Blutwurz" tiġi rreġistrata bħala Indikazzjoni Ġeografika,

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

([3]) ĠU C 351 1.9.2021, p. 28.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-indikazzjoni ġeografika "Bayerischer Blutwurz" hija rreġistrata. F'konformità mal-Artikolu 30(4) tar-Regolament (UE) 2019/787, dan ir-Regolament jagħti l-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2019/787 lill-indikazzjoni ġeografika "Bayerischer Blutwurz".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
Janusz WOJCIECHOWSKI
*Membru tal-Kummissjoni*